MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Kongunt Numru. 48/2015

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi huma izzewgu f'Malta nhar l-erbatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tlieta u erbghin (14/05/1983) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv ta' tmien mija u wiehed sbarra elf, disa` mija tlieta u tmenin (801/1983) (certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieldu Alexander fis-sebgha ta' April elf disa` mija hamsa u tmenin (07/04/1985) u Jean Pierre fl-ghoxrin ta' Dicembru elf disa` mija tnejn u disghin (20/12/1992);
3. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Anne-Marie Tonna tat-tlieta ta' April tas-sena elfejn u tnax (03.04.2012) (kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B);
4. Illi l-partijiet ilhom separti *de facto* minn Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) ;
5. Illi l-esponenti ddikjaraw li m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-kwistjoni ta' manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni qieghed ikun rispettat;
7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata d-divorzju;
8. Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu lil din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Talbu in vista tal-premess li din il-Qorti joghgobha :

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
ii. Tawtorizza lir-rikorrenti Alexandra sive Sandra Debattista tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` 'Abela'
iii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha tordna.

Rat in-nota ta’ CB, li permezz taghha infurmat lill-Qorti illi :

i. hija qatt ma qablet mar-rikors ghall-divorzju kongunt;
ii. L-elementi sabiex jittiehed id-divorzju mhumiex sodisfatti;
iii. L-esponenti trid tirrispondi ghar-rikors pprezentat minn AB ghax hemm arretrati ta’ manteniment fl-ammont ta’ €1,400 li mhumiex imhallsin;
iv. L-esponenti titlob li jittiehdu passi fir-rigward ta’ din il-procedura llegali;
v. L-esponenti anki nfurmat lir-rikorrenti b’dan id-difett u kellu jiehu hsieb jirrimedja izda sal-llum (a) la hallasha u (b) lanqas irranga r-rikors;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Frar, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata qeghda titlob lill-Qorti sabiex taghtiha garanzija li ma ghandhiex tkun f’ammont li jeccedi l-ammont ta’ manteniment ghal hames snin peress illi qeghda tikkontendi illi r-rikorrenti mhux talli kien inadempjenti fl-obbligu tieghu tal-manteniment, izda lanqas ma hallas il-manteniment dovut ghax-xhur ta’ wara li diga ghaddew u esebiet kwereli illi hija ghamlet fl-14 ta’ April 2015 rigwardanti manteniment dovut ghax-xahar ta’ Marzu 2015 u kwerela ohra li ghamlitha fl-14 ta’ April 2015 rigwardanti il-manteniment dovut ghax-xahar ta’ April 2015. L-intimata

ikkontendiet illi kien hemm manteniment dovut lilha fl-ammont ta' elf u erba' mitt ewro qabel ma bdew il-proceduri ghal divorzju u kien hemm u ghad hemm manteniment dovut ukoll waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66 I (3) tal-Kap. 16 huma sodisfatti. L-intimata ipprezentat ukoll nota li permezz taghha ipprezentat kopja ta' zewg cekkijiet ta' manteniment ta' Marzu u April 2015 li thallsu tardivament mir-rikorrenti;

Illi effettivament il-Qorti rat kopji ta' zewg cekkijiet mahruga mir-rikorrent u jirrizulta illi huwa minnu illi l-manteniment thallas tardivament;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti qieghed joggezzjona illi l-Qorti tordna l-hrug ta' garanzija favur l-intimata peress illi jikkontendi li din tista tigi uzata biss f'kaz illi matul is-smigh tal-kawza jirrizulta li jkun hemm dovut xi manteniment waqt is-smigh jew qabel ma tkun bdiet il-kawza ghad-divorzju. Huwa jikkontendi illi l-intimata qatt ma fethet xi proceduri fil-Qorti sabiex jigi misjub hati illi ma hallasx il-manteniment u dana peress illi skont hu il-manteniment dejjem thallas;

Illi l-Qorti rat ukoll illi matul is-seduta tat-2 ta' Gunju 2015 ir-rikorrenti hallas lill-intimata seduta stante il-manteniment dovut ghax-xahar ta' Mejju 2015;

Illi l-Qorti rat f'dan ir-rigward dak illi l-Artikolu 66 I (3) tal-Kap. 16 illi jghid hekk :

Il-Qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba ghad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigh tal-kawa ta' divorzju jkun dovut ghaliha jew ghall-ulied manteniment minghand il-parti l-ohra, tordna illi l-hlas tal-manteniment mill-parti l-ohra jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'ghandhiex tkun f'ammont li jeccedi l-ammont ta' manteniment ghal hames snin. Il-Qorti

ghandha taghti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawza jirrizulta illi waqt is-smigh jew qabel ma bdiet il-kawza, il-parti li kontra taghha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu taghha tal-hlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull zmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment;

Illi l-Qorti rat ghalhekk illi ma hemmx il-htiega illi l-parti li tkun inadempjenti fil-hlas tal-manteniment tkun giet misjuba hatja ta' tali inadempiment mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda huwa sufficjenti illi l-parti tkun inadempjenti jew tkun moruza fil-hlas ta' manteniment;

Illi effettivament l-intimata irnexxielha tipprova illi qabel ma bdew dawn il-proceduri ghal divorzju ir-rikorrenti kellu jhallasha arretrati ta' manteniment u kellu wkoll ihallasha dawn l-arretrati fil-mori ta' dawn il-proceduri. Illi l-iskuza illi gab ir-rikorrenti ta' din il-morozita kien illi l-intimata taghmilha difficli ghalih sabiex ihallasha il-manteniment, izda ma hemm l-ebda skuza ghaliex ir-rikorrenti setgha dejjem jikteb ic-cekkijiet bl-ammont ta' manteniment dovut u jimpostahomlha, haga li ma ghamilhiex;

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-intimata issodisfat ir-rekwiziti li qeghda titlob il-ligi sabiex tinghatalha din il-garanzija minghand ir-rikorrenti;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti l-ohrajn mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' April 2012, izda ilhom de facto separati minn Ottubru 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi sallum huwa hallas il-manteniment dovut lill-intimata, anke jekk hallsu tardivament;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, izda qeghda tilqa’ t-talba tal-intimata ghall-hrug ta’ garanzija u tordna lir-rikorrenti sabiex jottjeni garanzija favur l-intimata fl-ammont ta’ erbghin elf u tmien mitt ewro (€40,800) rapprezentanti l-ammont dovut minnu lilha bhala manteniment fix-xahar cioe’ sitt mija u tmenin ewro ghal hames snin, u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------